# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Novembru, 2001**

**Numru 22**

**Cit. Nru. 1574/01(F1) GCD**

**Tancred V. Camilleri Limited**

**Vs**

**Nicholsons The Supermarkets Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ippremettiet:

Illi s-socjeta` attrici hi kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf sitt mija u tmienja u hamsin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm23,658.43) prezz ta' merkanzija varja lilha mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici;

Illi l-kreditu hu likwidu, cert u dovut u fil-fehma tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni x'taghti biex tikkontesta t-talba ghall-hlas;

Illi s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi nonostante diversi talbiet ghall-hlas;

Talbet illi dina l-Qorti, in vista tal-premess:

1. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma hawn fuq imsemmija ta' tlieta u ghoxrin elf sitt mija u tmienja u hamsin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm23,658.43) ammont dovut rapprezentanti prezz ta' merkanzija varja lilha mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici kif fuq intqal, u dan bid-dispensa tas-smigh in vista ta' l-affidavit Dok. "A" anness mac-citazzjoni fit-termini ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u tal-mandati kawtelatorji ta' qbid numru 2648/01 u sekwestru numru 2647/01, bl-imghaxijiet legali.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm